Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 4– L-Erbgħa 25 ta' Settembru 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Micallef | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

4.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

4.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**4.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.3.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgħa li kellu dalgħodu stess mal-Ambaxxatur tal-Palestina. Huwa rrefera għas-suggett ta' din il-laqgħa li ntalbet mill-Ambaxxatur kien kif bħala ambaxxata għandhom ħafna kuntatti f'Malta u f'Għawdex għad ma għandhom l-ebda kuntatt. Huma jixtiequ jinserixxu l-komunita' palestinjana f'dik Maltija. Huwa jixtieq li tibda ħbiberija speċjali ma' Għajnsielem għax diġa kien hemm diversi kuntatti u skambji fil-passat b'mod speċjali wara li t-tlett Slaten Maġi żaru u telqu proprju minn Bethlehem is-sena l-oħra. Saret referenza wkoll li anke l-parroċċa tagħna ser ittellgħa grupp ta' nies għal żjara fil-Palestina fil-jiem li ġejjin. Huwa propona li sabiex insaħħu din il-ħbiberija jixtieq li jieħdu sehem dirett f'Bethlehem f'Għajnsielem fejn jixtiequ li jkollhom post fejn minn ġo fih jippromovu lill-pajjizhom. Waqt il-laqgħa ġie diskuss ukoll il-possibilita' li jinġab grupp ta' palestinjani li jipparteċipaw man-nies tagħna f'Bethlehem f'Għajnsielem. Sar qbil ukoll li għandna nistiednu lis-Sindku ta' Bethlehem biex iżur l-ħdax il-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

4.3.2 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa mal-Isqof t'Għawdex Mario Grech rigward il-ħsara kbira li ġarrbet il-kappella ta' Lourdes peress li qed iċedu l-pedamenti ta' taħtha. Din tinħtieġ azzjoni mmedjata li tinvolvi studju li jiswew eluf ta' euros. Is-Sindku esprima l-preokkupazzjonijiet tiegħu għal din il-problema serja iżda żgur li l-Kunsill ma għandux fondi biex jiffinanzja dawn l-istudji. Il-Kunsill ser jissapportja dan il-proċess u żgur li ser jidhol għax-xogħol ta' tisbieħ wara li jsiru t-tiswijiet meħtieġa. Il-Kunsill qabel ma' dan u ntbgħatet ittra lill-Isqof biex tikkonferma dan kollu.

4.3.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Perit Shawn Micallef fuq diversi postiijiet f'Għajnsielem li jġarrbu għarar. L-aktar żewg postijiet affetwati huma Triq Fuq il-Għajn u ħdejn l-Inspire. Huwa rrefera wkoll għat-tappiera li niżlet ħdejn l-iskola u qed nistennew id-direttivi tal-Perit kif l-aħjar li nirranġawha. Waqt il-laqgħa ddiskutew ukoll id-disinn tat-tisbieħ fi Triq Borg Għarib kantuniera ma' Triq Simirat għax sa l-aħħar ta' Ottubru irridu nibgħatu l-proposta lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

4.3.4 Is-Sindku rrefera għall-attivita' t'Għajnsielemfest li kienet suċċess kbir kemm mis-serata nnifisha kif ukoll mill-att ta' attendenza u fortunatment kollox mar kif ippjanat . Huwa rrefera għall-inċident li nqala' bejnu u bejn l-Arċipriet fejn bgħattlu messaġġ biex immedjatament ineħħi l-mejda tal-*crafts* li armajna fuq il-bankina ħdejn ir-radju fejn qallu li ma kienx infurmat. Is-Sindku rrefera wkoll għall-incident ieħor wkoll mal-arċipriet rigward il-mobile toilets li tpoġġew quddiem il-garage tal-knisja fil-Pjazza Indipendenza. Huwa rrefera għall-messaġġ xejn pjaċevoli li rċieva mingħand l-Arcipriet dwar dan. Il-kunsillier Teddy Saliba stqarr li huwa wkoll rċieva messagg minn għandu u ħassu ddiżgustat għat-tip ta' messaġġ fejn indirizzah bħala "Sur Kunsillier". Is-Segretarja wkoll irceviet messaġġ ta' rabja minn għandu indirizzat wkoll bħala "Sur Kunsill" f'nofs ta' lejl. Eventwalment ġie iċċarat mal-Arċipriet li l-Kunsill preżenti poġġa l-mobile toilets fl-istess fil-post li tpoġġew fis-snin preċedenti u ma saret l-ebda bidla. Sar qbil li sena oħra jitpoġġew x'imkien ieħor.

4.3.5 Is-Sindku rrefera għall-introduzzjoni tal-*bins* tar-*recycling* għal waqt il-festa u l-attivitajiet li ntlaqgħu tajjeb ħafna. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura qal li l-problema tal-bins hi li mhux qed jitbattlu waqt l-attivita'.

4.3.6 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-attivitajiet li nżammu konnessi mal-European Mobility Week li kienu ta' suċċess kbir u li għalihom kien hemm konkorrenza qawwija. Dawn kienu jinkludu it-treasure hunt, train ride madwar Għawdex, il-kunċerti mużikali u l-attivita tar-roti. L-unika attivta' li għaliha xtaq aktar konkorrenza kienet il-mixja. L-attvita tal-BMX irnexxiet ħafna.

4.3.7 Is-Sindku rrefera għall-attivita' oħra ta' suċċess dik tal-Clean up the World. Inizjalment kienu pjanati li jitnaddfu tlett siti iżda peress li konna grupp kbir u ħlisna qabel żidna is-sit ta' taħt ta Lourdes. Huwa semma' li wara promozzjoni fuq il-media, avviċinatu kumpanija ta tletin ħaddiem li offrew li jnaddfu xi post. Hemm grupp ta' ieħor ta' ingliżi ħbieb tal-mejjet Robert Cowley li jixtiequ jagħmlu tindifa ta' Passi ad unur tiegħu peress li kien iservi ta' voluntier f'dan il-post. Sar qbil li għandna naraw fejn hemm bżonn isir tindif u nnaddfuh.

4.3.8 Is-Sindku propona wkoll li għandna nirringrazzjaw uffiċjalment lil Ministru għal Għawdex għal għajnuna li tatna f'Għajnielemfest, EMW u Cleanup the World.

4.3.9 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għas-suċċess miksub mill-attivta' tar-roti li nżammet in konnessjoni tal-EMW u huwa propona li għandna noħolqu post sabiex jiġi prattikat dan it-tip ta' sport. Huwa propona li għandna nsibu għalqa, anke possibiliment ġo Ta' Passi u l-quddiem permezz ta' riċerka, nidentifikaw xi għalqa tal-gvern u nagħmluha fih. Il-kunsillier Stephen Mercieca propona li temporanjament tista ssir ġol-għalqa tal-gvern li hemm wara l-Każin. Sar qbil ma' din il-proposta.

4.3.10 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mas-Sur Charlie Zammit tal-JP2 Foundation rigward proposti għall-attivitajiet li jikkommemoraw l-anniversarju tal-100 sena mit-twelid tal-papa u t-30 sena miż-żjara tiegħu f' Għawdex. Bhala attivitajiet qed jiġu offruti li jsiru f'Għajnsielem. Waħda mill-attivitajiet tikkonsisti f'orkestra ta' 45 ruħ u issir fuq it-taraġ li għadu kif sar fi Pjazza 10 ta' Diċembru nhar l-20 t'Ottubru u din l-attivita' tkun b'xejn għal-pubbliku. Attivita' ohra li ser tinżamm fil-Knisja Arċipretali Għajnsielem nhar l-21 t'Ottubru tikkonsisti f'orkestra oħra barranija. Sabiex jinżammu dawn l-attivitajiet talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill billi jiffinanzja parti mill-ispejjes. Il-Kunsill qabel li għandu jhallas parti mill-ispejjes mhux kolla sa' massimu ta' €300.

4.3.11 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Paul Stellini rigward l-inawgurazzjoni tal-ftuh tal-esebizzjoni tal-presepji f'Torin li ser issir fis-27 ta' Novembru. Huwa rrefera għal fatt li bħala rikonoxximent talli għinnihom biex itellgħu l-wirja f'Għajnsielem, stiednu delegazzjoni mill-Kunsill sabiex tmur għall-inawgurazzjoni tal-wirja f'Torin. Sar qbil li għandhom imorru s-Sindku Kevin Cauchi u l-kunsilliera Stephen Mercieca u Larry Buttigieg. Il-Wirja Internazzjonali li ser tinżamm fil-Knisja l-Qadima t'Għajnsielem ser tiftah fid-9 ta' Novembru 2019 .

4.3.12 Is-Sindku għamel referenza wkoll għal-laqgħa li nżammet mal-grupp li sejjer għal-ġita ta' Sqallija li organizza l-Kunsill u ser titmexxa mill-Kunsilliera

Teddy Saliba u Larry Buttigieg. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-kunsillier Teddy Saliba offra li jħallas it-trip tiegħu hu.

4.3.13 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mas-Sur Joellson Bezzina rigward il-kompetizzjoni tal-waste reduction, l-EWWR. Huwa semma li sentejn ilu konna rbaħna permezz tal-proġetti u l-principju ta' Team Mosaic bil-mosaic. Huwa spega li żgur din is-sena ser nergħu napplikaw u fost l-oħrajn indaħħlu l-introduzzjoni ta' recycling bins għall-attivitajiet. Huwa stieden lill-kunsilliera biex jekk ikollhom xi ideat jgħadduhomlu.

4.3.14 Is-Sindku rrefera għall-kors tad-defibilatur u li għalih kellna attendenza tajba hafna. Saret referenza għal fatt li konna qbilna li meta jasal l-AED,jitwahhal ħdejn l-iskola. Is-Sindku propona li peress li fl-iskola diga hemm AED, inpoġġuh fil-Pjazza fil-kantuniera jew inkella quddiem il-butcher fi Pjazza Indipendenza. Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal fatt li l-NGO Sick & the Elderly ser jixtru aktar AEDs u talbuna sabiex insibu tlett postijiet oħra fejn inpoġġuhom.

4.3.15 Is-Sindku rrefera għal-Laqgħa li d-Direttur tal- Kunsilli Lokali Marisa Pisani żammet fil-Kunsill tagħna għas-Sindki u s-Segretarji Eżekuttiv ta' Għawdex kollu rigward l-iskemi kollha li ser joħorġu f'Novembru 2019.

4.3.16 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għaz-żjara tal-bidu ta' ħbiberija bejn il-Kunsill tagħna u l-Kunsill tal- Hamrun. Huwa rrefera għal fatt li dawn gew b'ħeġġa, bil-'Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u staff. Hemm ħafna oqsma fejn nistgħu naħdmu flimkien. L-ewwel stedina tagħhom hija għal-Festival taċ-Ċikkulata li ser iżżommu nhar il-26 t'Ottubru u offrewlna li l-kantanti tagħna ta' Għajnsielemfest ikantaw hemm. Sar qbil li għandna nifthu l-istedina għan-nies u norganizzaw *coach*.

4.3.17 Is-Sindku rrefera għall-proġett tat-taraġ u għal fatt li r-railing tal-ħġieġ mistenni jitwaħħal ma jdumx. Huwa rrefera għax-xogħol li fadal xi jsir, fosthom li jinqalgħu l-arbli u jitwaħħal ir-*railings*. Huwa semma' li l-monument ilu li wasal Għawdex mill-aħħar t'Awwissu u s'issa kien qed jinżamm ġol-istore tal-Gozo Connect u konna għaddejjin b'rata ta' €4 kuljum. Huwa semma li f'dawn il-ġranet is-Segretarja Lucienne Haber offriet li l-monument jinżamm fil-garage tar-residenza tagħha sabiex nevitaw l-ispejjes tal-kera. Huwa propona, wara diskusskoni mal-artist tal-monument li sabiex ma ssirlux ħsara dan ma jitwaħħalx qabel ġimgħa li ssir l-inawgurazzjoni. Huwa propona wkoll li fejn tpoġġew il-bollards, bejn it-taraġ u l-ġnien għandu jigi pavimentat bħal bankina. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li wkoll li jsir treatment lill-art tal-ġnien f'din l-istess pjazza. Ġiet diskussa jekk il-biċċa tat-tarf fil-parking jekk għandhiex titnaqqas jew titneħħa kompletament. Sar qbil li t-Traffic Management Plan tal-Parking f'din il-Pjazza għandu jigi rivedut. Il-Kunsill

qabel mad-data tal-10 ta' Diċembru bħala d-data tal-inawgurazzjoni tal-monument.

4.3.18 Is-Sindku rrefera għal fatt li t-tiswijiet meħtiega sabiex il-funtana tal-Pjazza tad-Dehra terga tibda tiffunzjona ser jinbdew mill-kuntrattu Joe Grima nhar it-Tnejn li ġej. Huwa rrefera wkoll għall-ħtiega sabiex jinbidlu xi drivers ta' xi bozoz li jiswew xi €450 għal xi sitt bozoz. Sar qbil li għandna nipproċedu b'din l-ordni.

4.3.19 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-EU ta' Triq il-Briegħen u Triq ix-Xatt l-Aħmar. Huwa semma' li x-xogħol miexi. Triq il-Briegħen ġiet imwittija bit-torba u qed nistennew li titpoġġa x-xibka u tingħata s-cement . Triq ix-Xatt l-Aħmar tinsab lesta u fin-nofs sar plastic li ġo fih ser jinżergħa ftit xejr biex jitlaq l-ħaxix. Ġie propost li għandu jinżergħa turf minflok. Sar qbil li għandna nipprovaw niżirgħu t-turf minflok. Il-kunsill iddiskuta wkoll il-possibilita' li wara li jsiru l-ħitan tas-sejjieħ skond il-Miżura 4.4 tal-EU, ikun ideali li Triq ix-Xatt l-Aħmar tiġi One Way.

4.3.20 Is-Sindku propona li nirrestawraw il-Monument tal-Vittmi tal-gwerra nerġgħu ntuh dehra friska.

4.3.21 Is-Sindku talab sabiex issir railing ma' Triq Xprunara kantuniera ma' Triq Malta sabiex ikunu jistgħu jżommu miegħu biex ikunu jistgħu jitilgħu l-bankina.

4.3.22 Is-Sindku propona wkoll li għandna nibgħatu lill-banek kollha rigward il-ħtieġa ta' ATM u noffrulhom id-daħla tal-iskola sabiex din tkun tista titpoġġa u anke noffrulhom parti mis-service room tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.4.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex issir mera fi Triq ix-Xatt l-Aħmar.

4.4.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal fatt li meta jkun hemm xi tfal minn Għajnsielem u jmorru jirrapprezentaw lill-pajjiżhom barra minn Malta fi kwalunkwe qasam dejjem konna ta' għajnuna. Huwa ssuġġerixxa li għandna ngħinu lil Jacob Zerafa li ta spiss qed jirrappreżenta lil Malta f'kompetizzjonijiet tal-BMX. Is-Sindku semma' li din is-sena diġa tajnih rikonoxximent u li din l-għajnuna tista tingħata f'okkażżjonijiet futuri.

4.4.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca irrefera għall-ħtieġa ta' żbir tas-siġra ta Triq iż-Żewwieqa. Is-Sindku spjega kif din l-applikazzjoni qegħda quddiem l-ERA għall-approvazzjoni tagħhom.

4.4.4 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex issir mera fi Triq l-Imġarr li sservi għal min ikun ħiereġ minn Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel ma' dan.

4.4.5 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex issir mera wkoll fi Triq Sant'Antnin. Huwa rrefera wkoll għall-ħtiega ta' mera oħra fi Triq l-Imgarr faċċata ta' Triq il-Mogħdija. Il-Viċi Sindku rrimarka li minn meta ġiet estiża l-bankina u minn meta ġew introdotti l-*pelican lights* quddiem Ta' Dirjanu Supermarket, il-viżibilita' ġiet ħafna aħjar.

4.4.6 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied għandna ndaħħlu Sports Day bi tlielaq tradizzjonali. Il-Kunsill qabel ma' dan.

4.4.7 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lis-Sindku u lil kull min kien involvut fl-organizazzjoni tajba ħafna tal-ġimgħa attivitajiet konnessi mal-European Mobility Week għax kellna attendenza tajba ħafna u ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-pubbliku. Huwa rringrazzjahom wkoll għal mod ta' kif qed jattwaw it-talbiet u l-mozzjonijiet imressqa mill-kunsilliera fi żmien qasir.

4.4.8 Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier Teddy Saliba li ħa l-inizjattiva li jorganizza t-tindif tal-passaġġ taż-Żewwieqa flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill u huwa taha d-daqqa t'id tiegħu.

4.4.9 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal-laqgħat li saru mas-Superjur rigward il-proġett tat-turf tal-grawnd tal-Musuem. Is-Sindku nsista li mportanti li jipprovdilna stima biex biha nkunu nistgħu navvicinaw l-entitajiet għall-għajnuna. Issemmiet ukoll l-issue li qed tigi organizzata tombla bi qliegħ għal Museum u l-Kunsill tahom xi għajnuna ta' self ta' mwejjed u siggijiet u anke tahom 'hamper' biex itellgħuh lotterija bi qliegħ għal Museum. Sar qbil li l-qliegħ għandu jgħaddi lill-Kunsill u jkun il-Kunsill li jipprezentah lis-Superjur tal-Museum.

4.4.10 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex jigi mplimentat it-Traffic Management fi Triq iż-Żewwieqa u wkoll isir l-*embellishment* madwar is-siġra. Is-Sindku spjega kif it-Traffic Management Plan għal dak is-sit huwa lest u malli jgħaddihulna l-Perit napprovawh u ngħadduh lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom. Is-Sindku spjega kif appena tinżabar is-sigra nkunu nistgħu nagħmlu l-embellishment pjanat.

4.4.11 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għad-diversi tentattivi li saru mill-Kunsill precedenti sabiex isir Belvedere fi Triq iż-Zewwieqa u ma rnexxielux jikseb

il-permessi necessarji. Huwa għalhekk propona li fil-prezent għandna nnaddfu l-post u nikxfu l-base li hemm ezistenti bic-cement. Huwa talab sabiex dawk il-bankijiet li hemm fil-belvedere preżenti għandhom jinbidlu f'oħrajn ġodda peress li qdiemu ħafna u dawn jiġu ntużati ħafna. Huwa propona li naqilgħuhom minn hemm u wara li jsir it-tindif inpoġġuhom hemm. Huwa talab sabiex wara jinxtraw sett bankijiet ġodda għal Triq iż-Żewwieqa. Intlaħaq qbil dwar dan.

4.4.12 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għax-xogħol li wettaq flimkien mal-haddiema fit-tindif tal-passaġġ li verament kien meħtieg. Huwa semma' li minn hemm inħarrgu erba' trakkijiet ta' weraq tal-bajtar. Huwa rrimarka li kif kien qed isir it-tindif kien hemm xi ħitan tas-sejjieħ li ċedew u hemm postijiet li jintieġ li jintefa ftit torba fihom u jiġu livellati. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

4.4.13 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għas-success kbir tal-attivita tad-dawra bit-train madwar Għawdex. Huwa propona li għandna nerġgħu norganizzawha. Sar qbil li din għandha tigi organizzata bhala parti mill-attivitajiet tal-Milied.

4.4.14 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera wkoll għall-ħtieġa li jsir tindif taħt il-kapella ta' Lourdes. Sar qbil li minħabba l-periklu li hemm għandna noħolqu event għalih u li għaliha ninkludu l-ERRC.

4.4.15 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera għall-proġett tal-Frame u għal fatt li dan jinħtieġ li jiġi rtukjat. Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Rudolph Cauchi sabiex iwettaq dan ix-xogħol.

4.4.16 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressaqna biex tinżabar is-siġra li tiġi eżatt wara l-*frame* li kienet qed tostakola l-veduta. Ġie kkonfermat li dik mhix siġra protetta u li kull sena tinqata'. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

4.4.17 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera wkoll għal bankina mkissra fi Triq Wied ir-Rgħajjes sabiex insewwuha.

## 4.5 Korrispondenza u Rapporti

4.5.1 Ġie trattat l-ilment rigward PA 5356/19 - Pjazza Indipendenza. Is-Sindku propona li għandna nirrispondu billi ngħidu li meta tressqet applikazzjoni simili tal-PN Club, il-Kunsill ma oġġezzjonax. Huwa propona li l-Kunsill għandu jkun tal-principju li nixtiequ li naraw l-pjazez mimlija imwejjed bin-

nies u mhux karozzi u l-għan tal-kunsill huwa li jerġa jagħti l-ħajja lill-pjazez dejjem fil-parametri li jiġu mħarrsa l-liġijiet u r-regolamenti. Il-kunsilliera qablu dwar dan il-prinċipju.

4.5.2 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Frank Tabone rigward il-bini mill-ġdid ta' Triq Sant'Antnin, permessi ta' għeluq ta' toroq, htiega ta' ATM f'Għajnsielem u Webcam. Il-Kunsill qabel mal-proposti kollha llistjati u ser jagħmel pressjoni biex hafna minnhom jigu attwati. Rigward l-estenzjoni tal-platform taz-Zewwieqa, il-Vici Sindku insista sabiex nagħmlu pressjoni biex innaddfu l-bajja taz-zewwieqa u tal-Gardun mill-gebel li hemm bhalma saru f'bajjiet ohra madwar Għawdex. Rigward it-talba ta' *camera* s-Sindku propona li għandna nistennew li tohrog xi skema u nintroducu għadd ta' webcams madwar il-lokalita' li jithaddmu b'sistema tajba u effiċenti.

4.5.3 Ġiet trattata l-email mingħand Marion Mizzi rigward il-possibilita' li jorganizzaw sezzjoni nformattiva dwar il-problema ta' piż żejjed. Sar qbil li għandna naċċettaw li tinżamm din is-sezzjoni.

4.5.4 Ġiet trattata l-email mingħand JP2 Foundation rigward il-possibilita' li jinzamm kuncert minn kor ingliz fl-area fejn għamilna t-tarag nhar il-Hadd 20 t'Ottubru 2019. Kullma qed jitolbu huwa li nipprovdulhom 45 siġġu, indawwlu l-*area* fejn ikun hemm il-mużiċisti u tindif tal-*area*. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'din l-attivita'.

4.5.5 Ġiet trattata ittra oħra mingħand JP2 Foundation rigward kunċert li ser itellgħu fil-Knisja Parrokjali ta' Għajnsielem nhar it-Tnejn 21 t'Ottubru. Huma qed jitolbu s-sapport tal-Kunsill Lokali billi jipprovdi transport, spejjes ta' vapur għal 25 persuna u rimunerazzjoni ta' €200 lil Mr Pirotta għall-arrangamenti muzikali. Sar qbil li għandna noffru li nhallsu sa massimu ta' €300 fi spejjes għal din l-attivita'.

4.5.6 Ġiet trattata l-email mingħand Stefan Azzopardi tal-Għaqda Armar Għajnsielem rigward xi skema tal-bdil tad-dwar tal-festa f'dawk LEDs. Huwa talbu wkoll sabiex għal Bethlehem f'Għajnsielem napplikaw għall-incentiv sabiex jintużaw *paper cups* flok plastic. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-EcoGozo rigward l-iskema u ngħaddu t-talba lis-Segretarjat tal- Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

4.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-proposta mingħand l-għalliema tal-Malti Antonella Azzopardi sabiex inżommu xi korsijiet tal-kitba fil-Malti għat-tfal. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandna nħallsu lill-għalliema u li l-korsijiet għat-tfal ikun b'xejn.

4.5.8 Ġie trattat l-ilment dwar jekk jistgħux jgħumu klieb fil-bajja taż-Żewwieqa. Ġie kkonfermat li ma jistgħux jgħumu klieb fiż-Żewwieqa u li għandha tiġi nstallata' tabella li tindika dan.

4.5.9 Ġiet trattata t-talba sabiex isiru *double yellow lines* fil-kantunieri fi Triq Ġuzeppi Cali. Din it-talba ġiet aċċetta.

4.5.10 Ġie trattat s-suġġeriment sabiex issir *communial disabled reserved parking area* fl-Imgarr fl-area taħt il-Gleneagles. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Transport Malta għad-diskrezzjoni tagħhom.

4.5.11 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Malta Street sabiex issir grada minħabba l-ilma tax-xita. Sar qbil li għandna nispezzjonaw eżatt x'jinħtieġ iżda jekk mhemmx fejn imur l-ilma l-aktar li nistgħu noffrulha hija *hump* żgħira bic-cement biex ma jidħolx l-ilma.

4.5.12 Ġiet trattata t-talba mingħand Teddy Portelli għal żewġ tabelli *go slow* fi Triq fuq il-Għajn minn Triq Hamri u minn Triq l-Ixprunara. Sar qbil li għandna nitolbu għal *road marking signs* għax huma aktar effettivi.

4.5.13 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fil-bidu ta' Triq Hamri sabiex issir *sleeping policeman* f Triq Hamri. Sar qbil li peress li ser issir it-triq għandna nistennew u naraw il-ħtigijiet wara.

4.5.14 Ġiet trattata t-Talba mingħand residenta fi Triq il-Ġnien biex titranġalha ir-rampa u l-bankina. Sar qbil li għandna nżiduha mal-lista.

4.5.15 Ġiet trattata t-Talba mingħand Fort Chambray Ltd biex jiżdied skip ieħor għal-boroż suwed. Sar qbil biex nitolbu biex dan jiżdied.

4.5.16 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Santu Liju għall-ħtieġa ta' bozza gdida. Ġie kkonfermat li verament hemm id-dlam u li din hija meħtieġa. Sar qbil li għandna nordnaw bozza ġdida.

4.5.17 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Hamri sabiex titpoġġa mera. Il-Kunsill qabel ma' l-installazzjoni ta' mera ġdida sakemm ikollu konferma li mhemmx problema mal-ġirien fejn ser teħel.

4.5.18 Tressaq l-ilment ta' residenta fil-bidu nett ta' Triq Cordina minn naħa tal-heliport sabiex teħel tabella bl-isem tat-triq. Sar qbil li għandna niċċekja rigward Triq il-Bwier mnejn tibda eżatt u filkaż nordnaw l-isem tat-triq.

4.5.19 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Fuq il-Għajn sabiex jintrifed ħajt tas-sejjieħ magenb ir-residenza tagħha. Peress li huwa ħajt privat hija responsabilita'

tas-sid li jagħmel il-manutenzjoni meħtiega. Sar qbil li għandna nispezzjonaw u nivverifikaw.

4.5.20 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex jinqata weraq tal-bajtar li ħareġ għat-triq fi Triq il-Gudja.

4.5.21 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta ta' Triq Palma f'isem ir-residenti kollha ta' din it-triq sabiex issir stand b'ganċijiet biex iddendlu l-boroż tal-iskart tagħhom. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

4.5.22 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Guzeppi Cali' sabiex tiġi nstallata bozza ġdida. Sar qbil li għandna nikkonfermaw jekk verament hemmx ħtieġa ta' bozza oħra f'din it-triq.

4.5.23 Talba mingħand residenta fi Triq Cordina għal *one metre double yellow line* fuq kull naħa tal-*garage* tagħha.

4.5.24 Talba mingħand żewġ residenti differenti fi Triq il-Qigħan għal *one metre double yellow lines* ma kull naħa tal-*garage* tagħhom.

4.5.25 Ġiet trattata t-talba għal mera fi Triq iż-Żewwieqa kantuniera ma' Triq Sant Antnin. Il-Kunsill jilqa' t-talba iżda trid issir konferma jekk jaċċettax is-sid tar-residenza li ser teħel quddiema.

## 4.6 Attivitajiet u ħarġiet

4.6.1 Is-Sindku rrefera għall-ħarġiet li l-Kunsill għandu pjanati għax-xhur li ġejjin fosthom ħarġa oħra għall-anzjani f'Għawdex u oħra f'Malta, iċ-Ċerminonja tal-Vittmi tal-Gwerra. Huwa propona li bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied, Sports Day u trips madwar Għawdex bit-Train , l-ftuħ ta' Bethlehem f'Għajnsielem, il-ftuħ ta' Santa's Village, festin għat-tfal u ieħor għall-anzjani kif ukoll l- inawgurazzjoni tal-Monument.

4.6.2 Attivita oħra li ser tinżamm fix-xahar li jmiss hija dik tal-Festival taċ-Ċikkulata fil-Hamrun fejn għandna norganizzaw ħarga għaliha.

4.6.3 Is-Sindku propona sabiex għall-ewwel darba din is-sena tinżamm attivita' għat-tfal fl-okkażżjoni tal-Halloween. Huwa proponali għandna nżejjnu l-ġnien tal-vittmi tal-gwerra u nżejjnuh b'mod moderat f'Halloween village. Il-Kunsill qabel ma' dan u li għandna nġibu lill-Buzzy kids biex janimaw l-attivita. Sar qbil li għandna nixtru xi boroz tal-ħelu tal-okkażżjoni.

**4.7 Korsijiet xitwa**

4.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-diversi talbiet li qed ikollu dwar organizazzjoni ta' korsijiet speċjalment tal-bizzilla. Huwa propona wkoll li jsir kors tal-*local crafts* offrut minn Alda Bugeja, ieħor tal-presepji, u ieħor tal-kitba tal-malti għat-tfal. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa jekk il-kors tal-bizzilla jistax jiddaħħal bhala kors tal-Lifelong Learning. Sar qbil li għandna niċċekjaw u filkaż nipproċedu fuq l-organizazzjoni tal-korsijiet.

**4.8 Quotation għat-tiżjin tal-Milied**

4.8.1 Sar qbil li għandna noħorġu l-istima bħas-soltu.

**4.9 Pjan fit-tul dwar Proġetti, Xatt l-Aħmar u Toroq għal din il-leġislatura**

4.9.1 Is-Sindku propona li dawn għandhom jigu diskussi f'laqgħa li għandha tinzamm għall-pubbliku kif mitlub mil-liġi tal-Kunsilli Lokali. Sar qbil li din għandha ssir f'Ottubru.

**4.10 Bethlehem f'Għajnsielem**

4.10.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-ħdax il-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem qed toqrob. Din il-ġimgħa beda xi ħart u tindif fil-post mill-ħaddiema tal-Kunsill. Huwa saħaq li huwa mportanti ħafna li tinżamm laqgħa tal-Kumitat kemm jista jkun malajr.

4.10.2 Huwa għadda lil-Viċi Sindku Franco Ciangura sabiex bħala l-kunsillier responsabbli minn Bethlehem ikompli hu fuq dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku semma li huwa mportantissimu li ssir laqgħa tal-Kumitat malajr. Huwa rrefera għal-ħsara li ġġarbet mill-maltemp u li jinħtieġ li jsiru t-tiswijiet necessarji. Huwa insista li għandna nagħtu spinta lill-għaqdiet sabiex ikunu preżenti għal-laqgħa. Huwa saħaq ukoll li mportanti ħafna li x-xogħol tal-ħaddiema jkun monitored biex ma jsirx xogħol doppju. Huwa semma' li l-akbar problema bħal kull sena hija dik tal-atturi.

4.10.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal xi kuntatti li kien ipprova jagħmel rigward il-miġja tal-Maġi minn Obermargau peress li fis -sena 2020 jiċċelebraw l-anniversarju tal-pagaent tal-passjoni. Is-Sindku staqsa jekk hux possibli nerġgħu nikkuntatjaw lil Matera Sassi jew inkella anke lil Wadowice, il-Polonja.

4.10.4 Sar qbil li l-laqgħa tal-Kumitat Organizzattiv għandha ssir nhar l-Erbgħa 2 t'Ottubru fis-6:30pm.

4.10.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-offerta li kellu mingħand Għajnsielem Redcoats li jservu bħala ushers fl-entrances u wara jingħataw donazzjoni għal dan is-servizz.

**4.11 Ħatra ta' Ambaxxatur taż-żgħazagħ**

4.11.1 Sar qbil li peress li l-ambaxxatur Ryan Mifsud għalaq 18-il sena f'Ġunju, jinħtieġ li naħtru ambaxxatur taż-żgħażagħ ieħor. Sar qbil li għandna noħorġu sejha li tagħlaq fl-aħħar t'Ottubru fuq l-istess kriterji tal-avviż li konna ħriġna qabel.

**4.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Ġiet preżentata l-iskeda tal- pagamenti u ġew approvati.

**4.13 Materji oħra**

4.13.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**4.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

4.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 fl-4:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**